**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 19 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 212/18 AL

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi r-rikorrenti AB u CD zzewwgu fid-disgha ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (9.07.2011) u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'MM 1';

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi l-hajja konjugali bejn r-rikorrenti ma baqghatx aktar possibli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghal separazzjoni

personali bejniethom u konsegwentement r-rikorrenti resqu ghal separazzjoni personali permezz ta' kuntratt datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa, kopja ta' liema qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'MM 2' u dan wara li gew awtorizzati permezz ta' digriet opportun;

4. Illi r-rikorrenti ilhom separati legalment ghal iktar minn erba' (4) snin, ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

5. Illi skond il-kuntratt surreferit ir-rikorrenti AB ddekadiet irrevokabilment ghad-dritt taghha ta' manteniment minghand AB filwaqt CD irrinunzja ghad-dritt tieghu ta' manteniment minghand AB;

6. Illi konsegwentement ma hemmx pendenzi u/jew kwistjonijiet ta' manteniment;

7. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talbu li din il- Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Mejju, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-25 ta' Novembru 2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.